MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1198/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Claire Demanuele**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm519.89c (hames mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) rapprezentanti seba’ (7) kambjali li gew iffirmati mill-konvenuta u li skadew fit-3 ta’ Novembru 2002, fit-3 ta’ Dicembru 2002, fit-3 ta’ Jannar 2003, fit-3 ta’ Frar 2003, fit-3 ta’ Marzu 2003, fit-3 t’April 2003 u fit 3 ta’ Mejju 2003 izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li giet diversi drabi interpellata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk t’ittra ufficjali datata 4 ta’ Dicembru 2002 u tal-parir Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin) kontra l-konvenuta u bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data ta’ kull skadenza.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------